MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 486/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**NATAL FAVA**

**Illum ta Novembru 2010**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **NATAL FAVA** bin Anthony u Mary nee' Debrincat, imwieled nhar il-hmistax ta' Mejju, 1959 u residenti gewwa Flat 1, St. Francis Court, Triq Patri Anton Debono, Rabat Ghawdex, u li ghandu karta tal-identita' numru 29959(G), gie imressaq quddiemha w akkuzat talli fit-8 ta' Settembru 2005:-

1. Ikkommetta vjolazzjoni ta' proprjeta' meta abbusivament dahal f'porzjon art maghrufa bhala 'Gnien

is-Sultan’ drabi ohra maghrufa ‘Ta’ Marziena’ fil-limiti tax-Xewkija, liema art tinsab fil-pusess ta’ l-istess Anna Sultana min-Nadur.

2. U aktar talli fl-istess data, hin u lok tefa’ terrapien fl-istess proprjeta’ u dana minghajr il-kunsens u/jew il-permess ta’ l-istess Anna Sultana u lanqas tal-Awtoritajiet Kompetenti.

3. Fl-ahhar talli fl-istess jiem u lok sabiex jezercita jedd li jippretendi li ghandu bl-awtorita tieghu innifsu, qabad u dahal fl-art maghrufa bhala ‘Gnien is-Sultan’ drabi ohra maghrufa bhala ‘Ta’ Marziena’ fil-limiti tax-Xewkija Ghawdex kif ukoll b’mod abbusiv tefa’ terrapien fl-istess imsemmija porzjon art, liema art tinsab fil-pusess ta’ Anna Sultana bi ftehim li sehh bejn l-ahwa stess .

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti w semghet ix-xhieda kolha prodotta mill-prosekuzzjoni, kif ukoll lill-imputat jixhed minn jeddu b’mod volontarju.

Illi nhar il-15 ta’ Dicembru 2005 xehed **Mark Cini** ghan-nom u in rappresentanza tal-MEPA w esebixxa kopja tal-Enforcement Notice li giet immarkata bhala Dok MEPA. Dan id-dokument jghid li l-imputat qabad u tefa’ materjal ta’ kostruzzjoni gewwa sit fi Triq Marziena,Sannat.

Fl-istess jum xehdet **Anna Sultana** w stqarret li hija flimkien mal-imputat, li jigi huha, w hutha l-ohra ghandha porzjon raba’ f’Sannat bejniethom b’wirt. Stqarret li ghalkemm l-art ghadha mhux diviza b’kuntratt, hemm ftehim bil-miktub dwar lil min tmiss kull porzjon f’sens ta’ pussess. Dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok. AS1. Dan id-dokument jaghmel referenza ghal dokument iehor li gie esebit minnha u mmarkat bhala Dok. AS2, fejn hemm indikat liema hija l-porzjon art li misset lil kulhadd u li dwarha kien hemm qbil. Hija esebiet ukoll site plan li giet immarkata bhala Dok. AS3 u xi pjanti tal-ghalqa li gew immarkati bhala Dok. AS4 u AS5. Hija rat id-dokument X esebit fl-atti minn PS 187, u gharfet l-ghalqa hemm indikata bhala l-prozjon ta’ raba’ li jinsab fil-pussess taghha, w in oltre esebiet ritratt li gie mmarkat

bhala Dok AS10 li gie mehud minnha dakinhar li gie mormi dan il-materjal hemm indikat. Hija kkonfermat li fejn l-imputat tefa' t-terrapien kien fil-pussess taghha. Hija ppruvat tkellem lill-imputat bil-kelma t-tajba izda ghal xejn.

Xehed ukoll **PS 187 Mario Cassar** u qal li nhar il-11 t'Awissu 2005 f'xi hin kienet marret l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat Ghawdex Anna Sultana u rraportat li l-gebel li kien hemm bejn il-proprjeta' taghha w tal-imputat kienu ccaqilqu.

Ikompli jghid pero' minn dak li ra fl-okkorenza mehuda minn WPS 160 li fl-20 ta' Awwissu 2005 Anna Sultana ammettiet li flimkien ma' zewgha kienet mexxiet il-qsami li jifirdu l-proprjeta' taghha minn dik ta' huha. Qalet li huha l-imputat rega' mexxihom u li ghalhekk dakinhar tal-20 t'Awissu huwa kien baghtilha SMS sabiex tmur fl-ghalqa sabiex jerga' jmexxi l-qsami. Hija qaltlu li ma marritx u nsistiet mieghu li l-ghalqa tappartjeni ghal certu Carmela Scicluna li tghix New York, izda kkonfermat li l-imputat jahdimha.

Huwa ghalhekk rega kellem lill-imputat li min-naha tieghu kkonferma li verament kien baghat SMS lil ohtu u kien qalilha li kien importanti li tmur fl-ghalqa ghaliex kienu ser jaghmlu l-qsami mill-gdid. Qal li huwa kien qabbad lil *draughtsman* Salvu Bonello sabiex jerga' jaghmel il-qsami skond il-pjanti li kellhom. Qal li dakinhar Bonello ghamel dak li gie mitlub jaghmel.

Illi nhar is-16 ta' Marzu 2006 xehed il-**Perit Karmenu Borg** u kkonferma li huwa kien gie mqabbad mill-ahwa Fava sabiex jaghmel xi xoghol dwar bicca art li tinsab hdejn il-ground ta' Sannat. Qal li kienu talbuh jaghmel xi marki fir-raba', w hejja pjanta relattiva mal-kejl ta' sehem kulhadd. Qal li fuq il-post kien mar darbtejn. Ra wkoll lill-imputat jahdem ir-raba' hemmhekk u ma kellmux. Huwa kejjel ir-raba' skond il-qsami.

Nhar il-25 ta' Jannar 2007 xehed l-**imputat** minn jeddu w qal li l-art murija fis-*site plan* esebita minn Anna Sultana

hija art mahduma mill-ahwa kollha, hu nkluz, pero' stqarr li hu ma remiex it-terrapien f'dik l-porzjon raba' li misset lil Anna Sultana, izda f'dik il-parti li misset lilu. In oltre jghid li dak it-terrapien li huwa rema fl-ghalqa remieh sabiex ikun jista' jibni l-hitan skond il-qsami maghmula mill-Perit. Jinsisti li huwa ma kellux ghalfejn jitlob permess mill-MEPA, u dan ghaliex m'hemmx bzonn ta' Development Notice Order mill-MEPA ghal bini ta' '*boundary rubble wall'*.

Ikkonferma li l-materjal li ntefa' minnu ntefa' lil hinn mill-qsami 'l gewwa mill-porzjon art li tigi mahduma minn Anna Sultana. Ikonferma wkoll li huwa caqlaq il-qsami wara li l-istess Anna sultana kienet caqalqitom hi stess. Qal li t-terrapien riedu ghaliex ried jibni hajt.

Illi fis-27 ta' Lulju 2007 il-Qorti zammet access fil-post imsemmi fil-komparixxi, u dan fuq talba tal-partijiet. Il-Qorti giet murija fejn effettivament l-imputat tefa' t-terrapien u sussegwentement giet ukoll murija dik il-parti tal-ghalqa fejn l-imputat kien bi hsiebu jtella' hajt.

Nhar it-12 ta' Mejju 2008 xehed **Vince Gilson** ghan-nom u in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet u kkonferma li r-raba' 'n kwistjoni mertu tal-kawza hija registrata maghhom f'isem diversi nies *in solidum*. Huwa esebixxa lista li giet immarkata bhala Dok Z, li tindika s-sidien li huma rikonoxxuti maghhom. Jghid li originarjament il-persuna rikonoxxuta kienet Anthony Fava, izda llum hemm in-nies indikati fid-dokument Z. Jghid li l-imputat mhux rikonoxxut u jghid li m'ghandux notamenti fil-file li Carmela Scicluna ghaddiet xi art lill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi Dr. Grech ghal parte civile argumenta li l-imputat caqlaq il-qsami kif ammess minnu stess, u b'hekk dahal fil-porzjon raba' mahdum minn Anna Sultana. Huwa jghid li Fava ma kellu l-ebda dritt imiss il-qsami u b'dak li ghamel ha l-ligi b'idejh ghax ippretenda li kellu dritt.

Isostni li dak li ghamel l-imputat jammonta proprju ghar-reat ta’ *raggion fattasi*.

Dr. Refalo min-naha l-ohra jghid li l-imputat agixxa skond il-ligi, w cioe’ pogga l-qsami kif kienu *a tempo vergine* li gew imcaqalqa - u dan vera ghamlu ghax kellu dritt – *vim vi repellere*.

Skond sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs John Dimech** deciza nhar l-24 ta’ Gunju 1961 “*id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta’ raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista’ jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu*”.

L-erba’ elementi kostituttivi tar-*raggion fattasi* skond is-sentenza moghtija nhar it-30 ta’ Settembru 1996 mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Emmauel Muscat et** huma erbgha u cioe:
1.”*l-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizjoni espressa jew prezunta ta’ dan il-haddiehor.*
*2. Il-kredenza li l-att qieghed isir b’ezercizzju ta’ dritt.*
*3. Il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jghamel de privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta’ l-awtorita’ pubblika; u*
*4. Nuqqas ta’ titolu li jrendi il-fatt aktar gravi*.”

Effettivament jidher car bl-artikolu msemmi, li l-Ligi trid tipprotegi l-*istatus quo* kontra min jiehu l-Ligi b’idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Eileen Said** deciza nhar id-19 ta’ Gunju 2003 fejn gie enfasizzat li “*element kostituttiv ta’ dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta’ dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta’ serq jew danni*

*volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

Issa mill-provi prodotti minn imkien ma jirrizulta li l-imputat verament mess il-qsami u mexxihom a sua sponte izda dan ghamlu biss malli nnota li effettivament dawn l-istess qsami kienu gew imcaqalqa. M'hemmx dubbju, kif qalet l-istess Anna Sultana lill-pulizija esekuttiva a tempo vergine tal-investigazzjoni , li kienet **hi li mexxiethom l-ewwel,** u ghalhekk l-imputat kellu ragun jerga' jcaqlaq il-qsami. Fil-fatt ghalhekk huwa kellu dritt jerga' jpoggi l-qsami fi *status quo ante* u ma kellux ghalfejn ifittex b'Awtorita' Pubblika sabiex jaghmel dak li ghamel.
Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta l-appelli kriminali fl-ismijiet il-Puliaijz ve Alfred Garroni decisa nhar l-10 ta' Jannar 1983 fejninghad i-segwenti meta l-QOrti ghamlet referenza ghall-awtur Taljan **Maino** "*la massima via vi repellere licet non e soltanto appplicabile alla repulse delle offese personali essa si estende a qualunque repulse di ingiusto attacco alla proprieta, quando la difesa si eserciti entro I limiti del moderame."*

Illi ghalhekk it-tieni akkuza dwar *raggion fattasi* ma tirrzultax lanqas remotament.

Dwar it-tieni akkuza, u cioe' li l-imputat fl-istess data, hin u lok tefa' terrapien fl-istess proprjeta' u dan minghajr ma kellu l-kunsens u/jew il-permess ta' l-istess Anna Sultana u lanqas ta' l-Awtoritajiet Kompetenti jinghad li l-imputat gie akkuzat bil-kontravenzjoni naxxenti mill-**artikolu 339(e) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' vjolazzjoni ta' proprjeta', w ghalhekk mhux il-kompitu ta' din il-Qorti tara jekk l-imputat kellux permess jew le mill-MEPA sabiex jitfa' dan it-terrapien, izda l-kompitu taghha hu sabiex tistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi jekk it-terrapien li ntefa' mill-imputat intefax fil-proprjeta' okkupata minn Anna Sultana.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat verament tefa' terrapien, pero' dwar fejn tefa' dan it-terrapien jidher li hemm konflitt, u dan ghaliex filwaqt li l-imputat jghid li tefa' dan it-terrapien fil-proprjeta' tieghu lil hinn mill-qsami ta' bejn il-proprjeta tieghu u dik ta' Anna Sultana, Anna Sultana tghid li tefghu fil-porzjon okkupata minnha. Mill-atti processwali ma jirrizultax jekk l-imputat kellux permess jew le li jitfa' t-terrapien, ghaliex ma tela' hadd mill-MEPA sabiex jitkellem dwar dan. L-i*stop notice* tindika biss li l-imputat ma kellux permess sabiex jibni, w li kien qed jigi mwaqqaf milli jibni. L-imputat lanqas ma gie mistoqsi meta tela' jixhed jekk kellux tali permess biex jitfa' t-terrapien, u ejn effettivament tefa dan it-terrapien u ghalhekk tali prova hija monka. Konsegwentement din l-akkuza ma tirrizultax provata.

Dwar it-tielet akkuza, u cioe' li l-imputat tefa' terrapien f'porzjon raba' minghajr il-kunsens tas-sidien, u appuntu fil-proprjeta' ta' Anna Sultana, jinghad li din l-akkuza hija simili ghat-tieni akkuza, ghalkemm mhix identitika. Illi minn imkien ma jirrizulta li effettivament l-imputat ghamel xi haga li ma kienx kopert b'xi permess mill-MEPA u dan ghaliex skond hu ma kellux bzonn permess sabiex jitfa' l-gebel biex jibni *boundary rubble wall*. Dan il-fatt ma giex kontestat u lanqas kontradett mill-prosekuzzjoni,

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 85, 339(e) u 340 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w tiddikjara li ma ssibx lill-imputat NATAL FAVA hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------